MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1150/2010

Avantgarde Projects Ltd (C37657)
vs
Inspirations Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici biex tissupplixxi madum u t-tqeghid tieghu u xi xogholijiet ohra f'The Atrium, Imriehel skond appalt datat 13 ta' April, 2009 (Dok. A);

2. Illi skond certifikati mahruga mill-Perit Paul Borg - immarkati Dok. B, C u D - l-istess perit iccertifika li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somom ta' €32,224.70 (Dok. B), €16,896.29 (Dok. C) u €28,289.48 (Dok. D) - b'kollox €77,410.47 (eskluz VAT billi s-socjeta` konvenuta otteniet ezenzjoni fuq il-VAT,

liema esenzjoni hija ghall-perijodu definit); dawn ic-certifikati ma gewx ikkontestati mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-ammont ta' €77,410.47 huwa dovut;

3. Illi jinghad illi oltre dawn is-somom certifikati mill-Perit Paul Borg tad-ditta Demicoli & Associates, is-socjeta` rikorrenti ghandha pendenti proceduri (Kaz Nru. 2490/2010) quddiem ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ghal somom ulterjuri, billi hija qed tallega li oltre l-ammonti certifikati ta' €77,410.47, li huma s-soggett ta' din il-kawza, il-perit nominat fil-kuntratt attribwixxa kejl inferjuri ghal dak attwalment imwettaq, ma attribwixxa ebda kumpens ghal xoghol *extra* u ghal varjazzjonijiet u impona penalitajiet li mhux dovuti u ser ikollha proceduri ohra quddiem l-istess Centru meta jiskadi t-terminu prefiss fil-kuntratt ta' appalt - u dana skond it-termini tal-kuntratt Dok. A li fejn ma hemmx qbil, in-nuqqas ta' qbil ghandu jigi riferut lic-Centru Malti ta' l-Arbitragg;

4. Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas dan l-ammont certifikat ghalkemm interpellata anki gudizzjarment;

5. Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet attrici u kwindi jezistu c-cirkostanzi kollha mehtiega sabiex dina l-Qorti tisma' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

i. Taqta' u tiddeciedi l-kaz bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Art.167 *et seq* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

ii. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' sebgha u sebghin elf erba' mija u ghaxar Euro u sebgha u erbghin centezmu (€77,410.47) oltre l-VAT f'kaz illi l-ezenzjoni ma tkunx ghadha applikabbli, prezz ta'

xoghol u materjal maghmul f'The Atrium fl-Imriehel skond ic-certifikat Dok. B, C u D.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju, 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-Rikors Guramentat u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali u b'riserva ghal kull bilanc li jista' jkun dovut skond ma jigi deciz mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg dwar ammonti ulterjuri u ghar-'*retention money*' li ghadu ma sarx dovut, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mis-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru, 2010 minn fejn jirrizulta li l-Qorti awtorizzat lis-socjeta` intimata tipprezenta risposta guramentata.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Illi preliminarjament l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti *stante* li kwistjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' appalt li a bazi tieghu s-socjetà attrici qed tibbaza t-talba taghha huma regolati minn klawsola arbitrali;

2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija intempestiva *stante* li *ai termini* tal-kuntratt ta' appalt, senjatament *ai termini* tal-klawsoli 10.1 u 10.2 u *Appendix* I, is-socjetà attrici kellha tipprovdi *performance security* fl-ammont ta' €20,000 liema *performance security* ghadha ma gietx provduta. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-principju *inademplenti non est ademplentus* is-socjetà attrici ma tistax titlob il-hlas minnha reklamat;

3. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, *ai termini* tal-klawsola numru 60.2 tal-kuntratt ta' appalt ma setghu jinhargu l-ebda *payment certificates* qabel ma s-socjetà attrici tipprovdi l-imsemmija

*performance security* fl-ammont ta’ €20,000 u ghalhekk ic-certifikati li fuqhom hija bazata l-azzjoni attrici huma nulli u minghajr effett;

4. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, senjatament ghal dak li jirrigwarda c-certifikat datat 18 ta’ Gunju, 2010 li jindika l-ammont finali certifikat ghall-hlas, tali certifikat finali seta’ biss jinhareg wara li s-socjetà attrici tkun ipprezentat *final statement* u *discharge* dana kollu wara t-tmiem tad-*defects liability period ai termini* tal-klawsoli 60.6, 60.7 u 60.8 tal-kuntratt ta’ appalt. Tali *final statement* u *discharge* izda ma gewx provduti u d-*defects liability period* ghadu ghaddej u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal u b’zieda ma’ dak premess, tali certifikat finali ma setax jinhareg u huwa konsegwentement null u minghajr effett;

5. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, parti mix-xoghol imwettaq mis-socjetà attrici *ai termini* tal-kuntratt ta’ appalt *de quo* huwa difettuz u ma sarx skond is-sengha u l-arti u konsegwentement is-socjetà intimata ghandha pretensjoni ghad-danni fil-konfront tas-socjetà attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***C1. Fatti fil-qosor:***
Ikkunsidrat

Din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata dwar l-inkompetenza *ratione materiae* ta’ din il-

Qorti *stante* li kwistjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' appalt li a bazi tieghu is-socjetà rikorrenti ipproponiet it-talbiet taghha huma regolati minn klawsola arbitrali. Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda talba ghall-hlas ta' kumpens reklamat b'konnessjoni ma' kuntratt ta' appalt intitolat "*Tender No AMS/4 for Wall and Floor Tiling Works and Marble for a New Showroom at Mriehel*".

Il-partijiet irreferew ghal klawsola 67.3 tal-kuntratt ta' appalt li titkellem fuq arbitragg u tghid hekk:
*"67.3 Arbitration*

*For any dispute in repect of which:*

*(a) The decision, if any, of the Architect has not become final and binding persuant to sub-clause 67.1, and*

*(b) Amicable settlement has not been reached within the period stated in sub-clause 67.2, each party shall nominate an arbiter and these arbiters between them shal agree to nominate an umpire, whose decision shall be binding upon both parties."*

Il-klawsola 67.1 tipprovdi li fejn ikun hemm tilwima bejn il-partijiet, din ghandha tigi l-ewwel riferita lill-Perit responsabbli ghall-appalt b'kopja lill-parti l-ohra, u li ir-referenza saret "*persuant to this clause"*. Wara l-Perit jaghti d-decizjoni tieghu.

***<u>C2. L-argument tas-socjeta` intimata:</u>***

L-intimata sostniet li r-rikors promotorju stess isemmi li jezistu proceduri ta' l-arbitragg separati li l-istess rikorrenti attrici fethet kontra s-socjetà intimata ghall-hlas ta' ammonti ohra li hija qed tippretendi b'rabta mal-istess kuntratt ta' appalt. Tikkontendi wkoll li fin-nuqqas ta' hlas skond ic-certifikati li fuqhom hija bazata l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` rikorrenti kellha l-ewwel tirreferi t-tilwima lill-Perit u mbaghad eventwalment il-parti li ma kenitx sodisfatta bid-decizjoni peritali setghet tirreferi

l-kwistjoni ghall-arbitragg. Ghalhekk fil-fehma tas-socjeta` intimata dan iwassal li l-attrici ma setghetx semplicement tipprezenta l-kawza odjerna u tinjora l-procedura kontemplata fil-klawsola 67.3. Is-socjeta` intimata sostniet li b'ebda mod ma irrizulta li hi accettat li ghandha thallas dak mitlub mis-socjetà rikorrenti, u l-fatt li ma sarx il-hlas jindika li l-istess ammont mitlub qieghed jigi kontestat.

***C3. L-argument tas-socjeta` rikorrenti:***

Din sostniet li skond il-Kuntratt ta' Appalt iffirmat bejn il-partijiet, hemm stipulat fi Klawzola 67.1 illi fejn ikun hemm disputa/tilwima/kontroversja bejn il-partijiet, din ghandha fl-ewwel lok tigi riferuta lill-Perit ghad-decizjoni tieghu f'terminu perentorju u f'kaz illi xi parti ma taqbilx ma' din id-decizjoni finali tal-Perit, dik il-parti tista' tirreferi din id-disputa/tilwima/kontroversja lill-Arbitragg. Illi f'dan il-kaz partikolari, il-Kuntratt ta' Appalt jistipula li l-Perit ghandu jkejjel u johrog kont relattiv tax-xoghol maghmul u wara li l-istess Perit inaqqas minn dan il-kont 10% bhala *retention money* (li jithallsu wara terminu stipulat mill-kompletazzjoni tax-xogholijiet), jghaddi dan il-kont lill-partijiet b'dan illi s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk stabbilita mill-Perit. Meta inhareg dan il-kont, is-socjeta` rikorrenti ma qablitx ma' dan il-kont billi sostniet illi bhala fatt il-kejl tal-madum imqieghed, r-rata ta' dan ix-xoghol kompjut mis-socjeta` attrici kellu jkun aktar minn dak li jidher fil-kont mahrug mill-Perit kif ukoll illi l-penalitajiet imposti mill-Perit ghad-dewmien ma kienux dovuti; skond dak miftiehem fil-kuntratt, is-socjeta` attrici irriferiet il-kwistjoni tar-rata u l-kejl aktar lill-Perit kif ukoll l-imposizzjoni ta' penalitajiet ghad-dewmien, izda billi l-Perit baqa' jsostni li r-rata u l-kejl minnu ffissata u l-imposizzjoni ta' penali ghad-dewmien kienu korretti, din id-disputa/tilwima giet riferuta lill-Arbitragg. Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta <u>qablet mal-kont tal-Perit</u> u dan jista' jinghad billi, skond il-Klawzola 67.1 tal-Kuntratt ta' Appalt, hija kienet tenuta f'terminu perentorju, li f'kaz li ma taqbilx, tiddikjara n-nuqqas ta' qbil u tirreferi tali disputa/kontroversja lill-Perit ghall-konsiderazzjoni tieghu u jekk dik il-parti li tkun

qajmet id-disputa/tilwima/kontroversja ma taqbilx mad-decizjoni finali tal-Perit, tirreferi din it-tilwima lic-Centru tal-Arbitragg. Dwar dan il-kont (u dwar kull decizjoni ohra tal-Perit), is-socjeta` konvenuta ma iddikjarat ebda tilwima fit-terminu preskritt (lanqas sussegwentement) u allura la setghet u bhala fatt la resqet din it-tilwima/kontroversja lill-Arbitragg. It-tilwima pendenti quddiem ic-Centru tal-Arbitragg hija dwar somma ulterjuri. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti sostniet li dwar is-somma mitluba fir-rikors guramentat hija certament dovuta u l-proceduri li setghu jittiehdu ghall-hlas ta’ somma dovuta kienu biss talba ghall-kanonizzazzjoni ta’ dan il-kreditu quddiem dina l-Qorti.

***C4. Validita` tal-Klawsola Arbitrali:***
Din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta’ Novembru, 2007 (Citazz. Nru: 751/04FS ) fil-kawza **Calibre Industries Limited vs Slipform Engineering (Malta) Limited** kitbet:
“Fis-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell Kum fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe tat-**13 ta’ Ottubru, 1989 inghad li kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet.

Il-polza kienet tipprovdi li ***"all differences"*** kellhom jigu sottomessi ghall-artbitragg. Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. L-attur kien dahal fil-polza flok l-assikurat ta’ qablu u ghalhekk kien jispetta lilu jarah x’hin huma l-kundizzjonijiet.”

Il-Qorti ta’ l-Appelli ikkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u iddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Laferla vs Sammy Attard** deciza mill-Onor Qorti App Kum fil-31 ta’ Mejju, 1995 inghad li l-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b’arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza. Konsegwentement jekk f’kaz din il-kitba ma saritx il-kunsens u l-accettazzjoni ma nghatawx

validament skond il-ligi. Konsegwentement il-proceduri kollha bl-arbitragg - inkluz il-***lodo*** stess - ma jistghux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant.

F'decizjoni ohra, **George Xuereb vs Accountant General et** datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell diga kienet enuncjat illi:
"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."

Ara wkoll f'dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet J**oseph Micallef *et* vs Jovin Rausi *noe***.

Fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 **George Camilleri vs Hugh P. Zammit *noe* inghad**:
"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai *nomine* vs Valletta Freight Services Limited** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Marzu, 2001 mill-Imh. Caruana Demajo inghad li klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jigu rispettati u dan anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom gurisdizzjoni konkorrenti.

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Christopher Grech vs Joseph Cutajar** deciza fl-1 ta' Dicembru, 2008 il-Qorti qalet:
"Ghalhekk din il-klawsola arbitrali fil-*Memorandum and Articles of Associa*tion tal-kumpanija hija valida, ghax voluta miz-zewg kontraenti, u ghaldaqstant ghandha tibqa' rispettata. F'dan il-kaz, ghalhekk, in vista ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsoli 33 u 34 tal-*Memorandum and Articles of Association*, tali diskordanza ghanda tigi differita lill-arbitru jew arbitri, skond il-kaz, u dan ghall-gudizzju opportun."

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Avukat Simon Tortell *noe* vs G.S. Specialist Vehicles Ltd *et*** deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Marzu 2010 (1213/08) inghad:
"huwa *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volontà libera tal-partijiet. … Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. … Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u <u>ddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali</u>."

***<u>C5. Il-principji legali applikati ghall-kaz de quo:</u>***

Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li c-certifikati ma gewx ikkontestati mis-socjeta` intimata skond il-klawsola arbitrali u li ghalhekk dawn l-ammonti certifikati saru dovuti u li ghalhekk il-meritu tal-kaz huwa l-hlas ta' somma dovuta li hija kompetenza tal-Qrati ordinarji u mhux ta' arbitragg. Izda is-socjeta` intimata tinsisti li l-hlas huwa kontestat u li ghalhekk il-meritu jaqa' bl-aktar mod car fil-parametri tal-klawsola arbitrali *de quo.*

Irrizulta li is-socjeta` rikorrenti kella taghmel *performance security* a tenur ta' l-artikolu 10.1(il-Qorti ma ghandhiex provi ta' *waiver* – rinunzja trid tirrizulta bl-aktar mod car) u dan iwassal li s'issa l-ammont reklamat ghadu mhux dovut. La darba hemm vertenza din trid tigi rizolta permezz ta' arbitru u mhux tal-Qorti. Lanqas ma gie prodott id-*defects liability certificate.*

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata u tiddikjara ruhha inkompetenti *ratione materiae stante* li kwistjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' appalt li a bazi tieghu s-socjetà attrici qed tibbaza t-talba taghha huma regolati minn klawsola arbitrali.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------